MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 934/2008

**Executive Services Limited**

**Vs**

**Chris u Joanna Poulton**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ tlett mija u sittax-il ewro u disa’ u sebghin centezmi (€316.79) rapprezentanti prezz ta’ servizz ta’ ‘*advertising*’ li gie rez lilhomom fuq ordni tal-konvenuti stess.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra illi  l-konvenuti dehru ghas-seduta ta` llum.

Sema` lil konvenut Chris Poulton jixhed illi l-ammont huwa dovut izda ma xtaqx ihallas l-ispejjez tal-kawza minghajr ma` ta` ebda raguni  lit-Tribunal ghaliex ma kellhomx jithallsu l-ispejjez.

It-Tribunal jidhirlu illi kien hemm ammissjoni.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------